MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2003

Numru.

Il-Pulizija
(Spettur Carmelo Bartolo)
vs
Charles Borg

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat fuq imsemmi Charles Borg, iben Victor u Helen nee Micallef, imwieled fit-22 ta' Settembru, 1963, li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli nhar it-18 ta' April, 1997, u matul ix-xhur ta' qabel f'dawn il-gzejjer, b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizuluzzjoni wahda :

(a) b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila,

setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika ghamel qliegh ta' madwar LM65.42c ghad-dannu tal-Korporazzjoni tat-Telemalta;

(b) U aktar f'dawn il-gzejjer fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi bi hsara ta' haddiehor u cioe' tal-Korporazzjoni tat-Telemalta ghamel xi qliegh iehor b'qerq li jammonta ghas-somma ta' madwar LM65.42c;

(c) U aktar f'dawn il-Gzejjer fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat u cioe' 'telecard' falza;

(d) U aktar f'dawn il-Gzejjer fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi iffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid u cioe' il-Korporazzjoni tat-Telemalta id-disinji jew mudelli ta' manifattura, jew, xjentement ghamel uzu ta' dawn id-disinji jew mudelli iffalsifikati jew imbiddla ukoll jekk minn haddiehor minghajr il-kunsens tas-sid;

(e) U aktar f'dawn il-Gzejjer, fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi ghal qliegh jew bi skop ta' kummerc, bena, bidel, ghamel,ipposseda, biegh jew xtara xi apparat li bih ikun jista jikkonnetti kontra l-Ligi ma sistema tat-telekommunikazzjoni;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti;

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Semghet lill-imputat debitament assistit volontarjament jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu u dana waqt is-seduta tat-3 ta' Mejju, 2002.

Taqta u tiddeciedi billi fuq ammissjoni volontarja tal-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu issib lill-imputat fuq imsemmi hati ta' dawn l-imputazzjonijiet kollha u dan wara li l-Qorti rat l-Artikoli 187, 183, 184, 308 u 309 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta' piena l-fatt illi l-imputat irregistra ammissjoni, il-fatt illi l-imputat ghandu fedina penali netta, kif ukoll il-fatt illi l-PL Noel Scerri ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Maltacom informa lill-Qorti illi l-Maltacom kienet thallset mill-imputat fuq imsemmi l-ammont kollu illi huwa kellu jaghtiha.  Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija l-Qorti ma tarax illi piena karcerarja tkun idoneja ghall-akkadut u wara li rat ukoll l-Artikolu 9 tal-Kap. 152 tiddeciedi illi taghti l-ahhar opportunita lill-imputat sabiex jaqbad it-triq it-tajba u jirriforma hajtu u ghaldaqstant qeghda tilliberah bil-kundizzjoni li huwa ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati bir-responsabbilita tieghu skond il-Ligi ghal din is-sentenza ta' liberazzjoni taht kundizzjoni.

Il-Qorti rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 u tordna lill-hati sabiex fi zmien xahar minn meta jigi hekk interpellat biex jaghmel mir-Registratur tal-Qorti ihallas l-ispejjez kollha li kellhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti f'dan il-kaz.

--------------------------------TMIEM--------------------------------